MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 697/2007

**GO p.l.c.**

**vs**

**John Curmi (957948M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti Maltacom plc illum GO p.l.c. fis-27 ta' Gunju 2007 fejn gie premess:

IIIi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru 1661/96NA) giet deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru 1996, u fl-istess kawza l-konvenut kie gie kkundannat jhallas il-Maltacom p.l.c. s-somma ta' Lm1,392.56 (elf, tlett mija, tnejn u disghin Liri Maltin u hamsin centezmu) ekwivalenti ghal €3243.79 (tlett elef, mitjen, tlieta w erbghin Euro u disgha u sebghin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoni numru 236608.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm169.69 (mija, disgha u sittin Liri Maltin u disgha u sittin centezmu) ekwivalenti ghal €395.27 (tlett mija, hamsa u disghin Euro u sebgha u ghoxrin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm1188.32 (elf, mija, tmienja u tmenin Liri Maltin u tnejn u tletin centezmu) ekwivalenti ghal €2768.04 (elfejn, seba' mija, tmienja u sittin Euro w erba' centemi), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-15 ta' Ottubru 1996 sal-15 ta' Gunju 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm2750.57 (elfejn, seba' mija u hamsin Liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu) ekwivalenti ghal €6407.10 (sitt elef, erba' mija u seba' Euro u ghaxar centezmi) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta' esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura *Civili* (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimat notifikat ma pprezentax risposta u lanqas deher ghar-rikors.

Rat li l-PL Noel Scerri ghas-socjeta` rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li l-ammont indikat fir-rikors ghadu kollu dovut u li ma thallas xejn fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b'dan illi tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza Citazzjoni Nru 1661/96NA li giet deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru 1996 fl-ismijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------